**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-21 ta' Gunju, 2018**

**Talba Numru: 534/2017 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 32**

**David u Joanna konjugi Zammit f'isimhom proprju u ghan-nom ta' binthom Rhianna Zammit**

**Sunrise, Triq San Martin, Fontana, GHAWDEX**

**Vs**

**Justin Borg**

**Cypress, Flat 2, Triq tal-Wej, Mosta, MALTA**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mill-atturi fis-27 ta' Novembru, 2017 li permezz tieghu talbu l-hlas tas-somma ta' hames mija u erbgha u tletin ewro u hamsa u erbghin centezmu (€534.45c) dovuta spejjez inkorsi mill-atturi in konsegwenza ta' incident li gara meta l-konvenut pprova jifga lil Rhianna Zammit bint l-atturi waqt il-Karnival tan-Nadur tas-sena 2016 gewwa Ghawdex.

Ra r-risposta tal-konvenut a fol 27 li permezz taghha eccepixxxa t-talbiet attrici bhala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li huwa ma hux responsabbli ghall-allegati danni u fi

kwalunkwe kaz l-ammont ghandu jigi mitlub minn min kien responsabbli li kkawza d-danni.

Ra li fis-seduta tat-13 ta' Gunju, 2018 permezz tal-avukat tieghu l-konvenut ammetta t-talba.

Ra x-xhieda ta' Rhianna Zammit li permezz taghha spjega li fis-06 ta' Frar, 2016 hija kienet l-Karnival tan-Nadur flimkien ma' habib taghha Claivion Said u f'hin minnhom waqt li kienu mexjin rat wiehed li kien fil-group maghhom jiggieled ma' persuna li ma kienetx taf li ha l-parrokka ta' sehibha Neville Sultana. Hija u Claivon resqu lura biex ma jintlaqtux u kif daret hasset piz fuq darha u minn wara persuna qabadha minn ghonqha u beda jghajjar 'Tini n-nuccali ..... tini n-nuccali.' Dakinhar ma kienetx taf min hi din il-persuna u wara rrizultalha li kien il-konvenut Justin Borg. Kif beda jghajjat maghha u jzommha minn ghonqha hija rnexxielha tnehhi l-maskra li kellha biex turih li hija kienet tfajla izda xorta Borg baqa' jrossha minn ghonqha u bil-piz tieghu fuqha min-naha ta' wara huwa ma riedx ihalliha tant li n-nies bdew jghajtu ghal Pulizija. Kienu l-Pulizija li gew u salvawha meta bdew jippruvaw inehhuh minn fuqha u huwa rrezistihom u xorta baqa' jrossha minn wara u minn ghonqha fil-presenza tal-Pulizija. Demm minn imniehirha beda hiereg u kienet qed thossha ser tifga sakemm salvawha l-Pulizija. Lil konvenut il-Pulizija haduh l-Ghassa u hija telqet tigri kemm tiflah. Hija dak il-hin rat il-konvenut mal-art fuq iz-zuntier tal-knisja jissielet mal-Pulizija u dawn jippruvaw jimmanettjawh. Hija giet ikkurata l-isptar generali ta' Ghawdex fejn giet ikkurata u hargu certifkat li jinzab esebit. Hija kellha taghmel sessjonijiet ta' terapija u hadet diversi sessjonijiet u pprezentat diversi ircevuti u anke r-rapport tat-terapista Radu Gheroghe. Hija anke kellha tiehu sessjonijiet ma' counselor u bdiet tibza tohrog barra wahedha u bdiet tbati minn bizghat ohra. Hija marret ghal diversi sessjonijiet ghand Matthew Bartolo sakemm bdiet thossha ahjar. Hija ghadha tbati sa issa b'dan l-incident. Proceduri kontra l-konvenut ittiehdu mill-Pulizija u nstab hati ta' dawn l-akkuzi.

Ra li mill-provi esebiti jirrizulta li t-talba tal-atturi giet ppruvata.

Dwar l-imghaxijiet mitluba mill-atturi, il-Qrati taghna dejjem stabilew li "*Minn dan jidher li imghaxijiet jistghu biss jigu komputati jew akkordati in linea ta' danni minhabba dewmien fl-esekuzzjoni ta' obbligazzjoni meta l-oggett ta' l-obbligazzjoni jkun hlas ta'*

*somma determinata. Konsegwentement kontra debitu incert jew mhux likwidu ma jistghux jiddekorru imghaxijiet. Id-data meta dawn l-imghaxijiet jibdew jigu komputati u cioe` jekk minn meta jkun dovut l-ammont jew mid-data tas-sejha ghall-hlas b'att gudizzjarju, huwa determinat fl-Artikoli fuq riprodotti, izda dejjem huwa rikjest li l-ammont ikun determinat".* (Appell per Prim Imh Degaetano deciza 30.6.2004 Appell Civili Numru. 823/1999/2 fl-ismijiet Vivian Charmaine Mizzi vs Carmel Mizzi). Li ghalhekk dan it-Tribunal jordna li tali imghaxijiet jibdew jiddekorru mid-data tal-ittra ufficjali cioe' mis-07 ta' Dicembru, 2016 tenut kont li l-ammont dovut jikkonsistiti f'diversi pagamenti li saru fi granet differenti.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jordna lil konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' hames mija u erbgha u tletin ewo u hamsa u erbghin centezmu (€534.45c) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mis-07 ta' Dicembru, 2016 d-data tal-ittra ufficjali sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-07 ta' Dicembru, 2016 kontra l-istess konvenut.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**